Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn Marisa Mifsud
u
Vincent Baldacchino
f'ismu proprio u f'isem
Property F Limited
dwar allegazzjoni ta'
trattament diskriminatorju
Kaz Numru 1832/ JB
Decizjoni numru

Illum, ta' April, 2005.

Chairman:- Dr Joseph P. Bonnici LL.D

Introduzzjoni

Illi r-rikorrenti Marisa Mifsud talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lil intimati jew min minnhom hati verso lejha ta' trattament diskriminatorju u responsabbli ghad-danni konsegwenzjali. Dana peress li entro s-sena li kellha l-impjieg taghha terminat, l-ex principal taghha ma regax offra l-post li kienet tokkupa hi, izda mpjega lil terzi floka.

Da parti taghhom, l-intimati rrispondew li Vincent Baldacchino fil-kapacita tieghu personali ma kienx il-legittimu kontradittur u s-socjeta’ intimata ma kienetx impjegat lil hadd wara li spiccat ir-rikorrenti minn taghha.

Provi

Illi mill-provi prodotti, sia orali u sia dokumentarji, jirrizulta li s-socjeta' intimata ma mpjegatx terzi maghha wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti minn maghha. Il-persuni ndikati minnha ossia Antonella Caruana Mansueto, Christine Vella u Maruska Agius, xehdu li huma ma jahdmux mas-socjeta' intimata. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' intimata hija fi stat "dormant" tant li kellha komunikazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxa Interni biex thassar in-numru ta' registrazzjoni bhala principal li thaddem in-nies.

Dak li qajjem suspett gustifikat fir-rikorrenti kien skambju ta' e-mails ma' diversi persuni bhala impjegati prospettivi, kif ukoll l-avvizi migjuba f'gazzetta lokali bhala reklam ta' necessita ta' impjieg fuq bazi "part-time" u dana fl-istess kariga li kienet tokkupa hija stess. Maruska Agius di fatti kkonfermat li attendiet ghal interview wara avviz minnha stess. Pero' Christine Vella tahdem ma F. Advertising Limited.

Konsiderazzjonijiet

Illi r-rikorrenti tallega li n-nuqqas tas-socjeta' intimata li toffrieha l-post fi zmien sena ai termini tal-Art 36 (3) proviso jammonta ghal

trattament diskriminatorju ai termini tal-Art 26 tal-Kap 452.

L-ewwel proviso tal-Art 36 (3) u jistipola "izda kull impjegat li l-impjieg tieghu jigi ritenut mitmum minhabba redundancy ikun intitolat ghall-impjieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerga jkun ottenibbli fi zmien perjodu ta' sena ta' tmien l-impjieg."

Mhux kontestat li s-socjeta’ intimata ghamlet avviz ta' impjieg fuq bazi "part-time" (vide the Times tal-15 ta' Jannar 2003 u 19 ta' Jannar 2003). Ir-rikorrenti kienet impjegata bhala "full-time". Di fatti l-proviso sussegwenti jistipula li "l-impjegat ghandhu jigi impjegat mill-gdid b' konsdirazzjonjiet mhux anqas favorevoli minn dawk li kellu qabel it-tmien ta' l-impjieg tieghu " Fil-kaz odjern kien hemm dan il-kambjament fil-kondizzjonijiet tax-xoghol u ghalhekk jista jinghata il-kaz li s-socjeta’ intimata ma offritux lir-rikorrenti, ghal din r-raguni. Pero' din il-lacuna tista facilment taghti lok ghall-abbuz u huwa ansplikabbli li tigi rizolta legislattivament b'intervent "ad hoi" billi anki f'kaz simili l-ex impjegat jinghata l-ewwel preferenza ta' rifjut u/jew  wara debita offerta mill-ex principal tieghu.

Relattivament ghal kwistjoni ta' trattament diskriminatorju in vista ta' dan in-nuqqas tas-socjeta’ intimata, mir-referenza ghall-Art 2 (1) tal-Kap 452. Id-definizzjoni hija f'dan is-sens,

kull distinzjoni eskluzjoni jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f' socjeta’ demokratika inkluza diskriminazzjoni fuq il-bazi tal-istat konjugali, tqala jew tqala potenzjali, sess klassi, dizabilita, twemmien religjuz ,opinjoni politika, shubija fit-trade union jew f' Assocjazjoni ta' principali. Inoltre, l-Art 26 invokat mir-rikorrenti jipprospetta diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess u nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi u/jew diskriminazzjoni. It-trattament diskriminatorju kondizzjonijet f' xoghol ta' valur ugwali, assenjazzjoni ta' xoghol b' kondizzjonijiet anqas favorevoli. F'dan il-kuntest, il-bazi ta' diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti mhux skuntrata f'dan l-Artikolu.

Konkluzjoni

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara li l-intimat, fil-kwalita tieghu personali , ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gjudizzju u s-socjeta’ intimata mhix hatja ta' trattament diskriminatorju.

Ghal fin ta' tassazjoni qed jigi iffissata is-somma ta' Lm20.

**DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.**

**Chairman.**